**Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tat-Tlieta 19 ta' April, 2016**

**Rikors Guramentat numru:- 58/2012JVC**

**Natal Fava**

**Vs**

**Nadia Said**

Il-Qorti,

Rat r-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

1. Illi ghal zmien twil kien jezisti bejn il-partijiet stat ta' konvivenza, mil-liema rapport twieled it-tifel minuri Jordan;

2. Illi llum din il-konvivenza m'ghadhiex tissussisti ghaliex giet stronkata mill-konvenuta;

3. Illi fil-kors ta' din l-istess konvivenza l-esponenti ghadda bosta flejjes lill-konvenuta biex inxtraw vettura ghaliha u diversi oggetti, flimkien ma' benefikati u miljoramenti, ghall-appartament lokat lill-istess konvenuta u sitwat Blokk FB, Flat 6, Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex;

4. Illi dan kollu jikkostitwixxi arrikiment indebitu li l-konvenuta ghamlet fil-konfront tal-esponenti peress li mill-flejjes mghoddija lilha

jew sborsati hi arrekat vantagg u utilita' bl-inkrement fil-patrimonju taghha;

5. Illi nonostante li l-konvenuta giet interpellata biex tikkumpensa lill-attur hi baqghet inadempjenti;

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta avvantaggjat ruhha minn flejjes hekk mghoddija lilha mill-esponenti fil-kors tal-konvivenza skont kif hawn fuq spjegat;

2. Tillikwida l-ammont intier hekk dovut lill-esponenti;

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-istess konvenuta tikkumpensa lill-esponenti l-ammont hekk likwidat u li permezz tieghu avvantaggjat ruhha ghall-ghanijiet kollha fuq imsemmija, okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi skont il-bzonn.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 28 ta' Frar 2011 kontra l-konvenuta u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.

Rat ir-risposta guramentata ta' Nadia Said fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

2. Illi qabel xejn, tezisti gurisprudenza kostanti li l-Qrati taghna ma ghandhom jindahlu f'dak kollu li jkun sehh bejn tnejn min-nies li jkunu jikkoabitaw flimkien barra miz-zwieg ghaliex dik ir-relazzjoni tikkostitwixxi kawza llecita;

3. Illi, anki jekk fl-ambjent iktar liberali tal-lum, din il-Qorti thoss li dik il-gurisprudenza m'ghadhiex iktar applikabbli, ma huwiex minnu li

l-attur hallas l-ammonti ndikati fir-rikors guramentat minn butu. Ghall-kuntrarju, kif sejjer jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, dawk il-hlasijiet saru mis-socjeta' ta' natura nformali ghall-ahhar li giet iffurmata bejn il-kontendenti fil-kors tal-konvivenza ta' bejniethom, liema socjeta' kienet tiehu l-post tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mizzewgin u li ghaliha kull wahda mill-partijiet kienet tikkontribwixxi bix-xoghol u bl-energija taghha. Tant huwa hekk li ghalkemm l-ircevuti nhargu fuq isem Natal Fava, il-pagamenti kienu jsiru ndistintivament daqqa mill-esponenti, daqqa minn Natal Fava u daqqa minnhom it-tnejn.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz biss li jirrizulta li l-attur wettaq xi hlasijiet esklussivament minn butu, l-ammonti minnu sborsati ghandhom jigu ekwiparati m'ammont ikbar dovut minnu lill-esponenti kemm bhala kumpens ghax-xoghol li hija kienet taghmel fl-interess tieghu, kif ukoll bhala manteniment ghall-iben komuni Luke Fava b'effett mid-data tat-twelid tal-istess Luke Fava sa meta giet itterminata l-konvivenza;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jirrizulta li jkun dovut xi ammont mill-esponenti Fava, il-valur tal-mobbli u x-xoghlijiet kollha li dwarhom qed issir din il-kawza li ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni ghall-finijiet li jigi stabbilit xi kumpens talvolta dovut mill-esponenti ma ghandux ikun dak li l-istess mobbli kellhom meta dawn inxtraw jew li swew ix-xoghlijiet meta saru, bensi dak li huma kellhom meta giet tterminata il-konvivenza stante li fil-frattemp, l-istess Natal Fava ghamel uzu minn dawk l-mobbli u xoghlijiet daqs l-esponenti, jekk mhux iktar.

6. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, dokumenti u l-atti kollha esebiti.

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Novembru, 2015 l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi bhala fatti l-partijiet jaqblu li ghal numru ta' snin perjodu ta' madwar ghaxar snin bejn wiehed iehor bejn is-sena 2000 u s-sena 2010 il-partijiet, wara li kienu mizzewgin lil terzi u l-konvenuta wkoll ghandha zewg ulied minn dak iz-zwieg, bdew jghixu flimkien bhala koppja u minn dan ir-rapport twieled ukoll il-minuri Jordan Fava. Fil-mument li giet prezentata l-kawza r-relazzjoni u l-konvinvenza bejn il-partijiet kienet spiccat. L-attur fetah din il-kawza kontra l-konvenuta ghaliex isostni li fil-kors tal-konvivenza huwa ghadda bosta flejjes lill-konvenuta sabiex inxtrat vettura f'isimha kif ukoll diversi oggetti mobbli li jinsabu fir-residenza tal-konvenuta fejn kien ukoll jirrisjedi ghall-perjodu ta' madwar tmien snin, flimkien ma' benefikati u miljoramenti li saru fl-istess residenza li ggib l-indirizz Blokk FB, Flat 6, Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex liema benefikati u miljorament l-attur isostni li jew ghamilhom hu, jew haddiema tieghu li thallsu minnu jew terzi persuni mqabbda u mhallsa minnu. L-attur qed jippretendi wkoll lura l-valur ta' rigali f'deheb li huwa ta lill-konvenuta tul ir-relazzjoni u dan kollu abbazi li l-attur isostni li l-konvenuta ghamlet arrikkiment indebitu minn fuqu konsegwenti ghall-affarijiet hawn imsemmija.

Da parti taghha l-konvenuta tirrespingi dawn il-pretensjonijiet, primarjament abbazi tal-illecita' tar-relazzjoni ta' bejniethom kif ukoll ghaliex issostni li hafna mill-ammonti pretizi mill-attur fil-fatt halsithom hi jew altrimenti gew mislufa lilha u wara halset lura lill-istess attur. Issostni wkoll li bosta mill-oggetti in kwistjoni ghamel snin twal jaghmel uzu minnhom l-istess attur kif ukoll ibnu minuri apparti l-fatt li,

skont il-konvenuta, dawn l-oggetti llum m'ghandhomx valur jew il-valur taghhom huwa wiehed baxx hafna.

**Kawza llecita:**

Illi qabel xejn jehtieg li din il-Qorti tissorvola u tiddeciedi t-tieni eccezzjoni mqajma mill-konvenuta li taqra kif isegwi:

*'Illi qabel xejn, tezisti gurisprudenza kostanti li l-Qrati taghna ma ghandhomx jindahlu f'dak kollu li jkun sehh bejn tnejn min-nies li jkunu jikkoabitaw flimkien barra miz-zwieg ghaliex dik ir-relazzjoni tikkostitwixxi kawza llecita'.*

Iz-zewg partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom jiccitaw diversa gurisprudenza relattiva ghal dan il-punt izda filwaqt li l-konvenuta s-semmi gurisprudenza pjuttost antika, l-attur korrettement jaghmel referenza ghall-gurisprudenza ferm aktar recenti fejn huwa car li llum il-gurnata il-konkubinagg m'ghadux meqjus bhala stat li minnu neccessarjament u f'kull kaz temani kawza llecita'. Fil-kawza fl-ismijiet **Harry Saliba vs. Denise Caruana** datata 6 ta' April, 2006 mill-Onorevoli Prim'Awla tal-Qorti Civili nghad kif isegwi:

'Illi jidher xieraq li l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt li jmissha ssir hija dik li tittratta dwar l-ewwel ecccezzjoni tal-imharrka**.** L-imharrka qeghdha tghid li l-ebda talba attrici ghall-hlas ma tista' tintlaqa' ghaliex tkun talba mibnija fuq kawza falza u llecita. Hija torbot din il-kawza falza u llecita mar-"relazzjoni extra-maritali" taghha mal-attur. Minhabba n-natura taghha, din l-eccezzjoni trid titqies qabel kollox, ghaliex l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' siwi ta' obbligazzjoni minhabba allegata kawza llecita hija wahda ta' ordni pubbliku, u tista' titqajjem ukoll mill-Qorti minn rajha[1]. Fil-kaz li ghandna quddiemna, imbaghad, din l-eccezzjoni ghandha minn sikkina b'zewgt ixfafar: ghaliex jekk inhu minnu li l-attur ma jistax iressaq l-azzjoni tieghu kif impostata minhabba li kien ghamel zmien f'relazzjoni llecita ma' l-imharrka, bl-istess mod jista' jinghad li l-kontro-talba ta' l-imharrka – li hija mibnija fuq is-

[1] P.A. **18.5.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Vassallo vs Cuschieri et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.139).**

servigi li hija tghid li tat lill-attur sewwa sew matul ir-relazzjoni li kellhom flimkien – taqa' wkoll ghaliex imsejsa fuq dik l-istess relazzjoni;

Illi, madankollu, huwa mehtieg li wiehed jicccara ftit is-siwi ta' din l-eccezzjoni. Bhala principju, il-ligi trid li obbligazzjoni minghajr kawza jew mibnija fuq wahda falza jew illecita ma jkollha l-ebda effett[2]. Din hija nullita' assoluta, ghalkemm jekk, minbarra l-kawza espressa li tkun falza, jkun hemm fl-obbligazzjoni kawzi ohrajn li m'humiex kontra l-ligi il-ftehim jista' jinzamm shih fuq il-kawzi leciti[3]. Kawza llecita hija wahda li tkun ipprojbita mil-ligi jew tkun kontra l-eghmil xieraq jew kuntrarja ghall-ordni pubbliku[4]. Kawza tkun kontra l-ordni pubbliku, meta tkun wahda li tmur kontra l-interess generali[5]. Il-kawza llecita tista' titnissel kemm f'dawk l-obbligazzjonijiet li jitwieldu permezz ta' ftehim miktub u kif ukoll minn sitwazzjonjiet li, kieku ma kienx għall-illegalita', joholqu rapport b'effetti guridici bejn dawk involuti fih. Fuq kollox, il-fatt illecitu jista' jkun jew fic-cirkostanza nnifisha li tnissel ir-rabta (*causa obligandi*) jew inkella f'xi hin waqt li tkun qeghdha titwettaq l-obbligazzjoni (*causa obligationis*) u fi hdan obbligazzjoni li tkun ghal kollox legali;

Illi l-konkubinat kien ghal zmien twil mizmum bhala stat li jitnissel minn kawza llecita. Gieli tqis li persuna mizzewga li tohrog ma' persuna ohra bla ma torqod ghandha kienet ukoll tikkostitwixxi relazzjoni ta' konkubinat[6]. Hekk ukoll kien hemm zmien meta r-relazzjonijiet ta' konkubinagg lanqas biss kienu jnisslu komunjoni ta' fatt[7] bejn il-persuni li jkunu ghexu tant snin flimkien. Mal-milja taz-zmien, u minhabba li x-xejriet tal- imgieba socjali nbidlu, dawn ir-relazzjonijiet barra r-rabta taz-zwieg kienu hekk jitqiesu meta, bejn il-persuni nvoluti, kienet titnissel

---

[2] Art. 987 tal-Kap 16 m'humiex kontra l-ligi, il-ftehim jista' jinzamm shih fuq il-kawzi leciti.

[3] Art. 989 tal-Kap 16.

[4] Art. 990 tal-Kap 16.

[5] App. Civ. **15.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et noe vs Aġius et pro et*** (Kollez. Vol: **XLI.i.684).**

[6] App. Inf. **6.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.367).**

[7] Ara App. Civ. **22.2.1929** fil-kawża fl-ismijiet ***Bornfield vs Littlejohn*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.798**) u App. Civ. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Laus*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.49).**

rabta x'aktarx stabbli, mifruxa fuq medda ta' zmien u aktar impenjattiva, li fiha l-partijiet jaqsmu l-gid u l-hajja taghhom, b'intimata' fizika li, x'aktarx, twassal ukoll għat-tnissil ta' wlied komuni;

Illi jidher li l-kriterju mehtieg biex wiehed iqis jekk negozju (fis-sens wiesa' tal-kelma) li sehh bejn tnejn li qeghdin fi stat ta' konkubinat huwiex milqut mill-kawza llecita, huwa dak fejn issir distinzjoni bejn ic-cirkostanza fejn in-negozju jkollu rabta diretta mal-istat tal-konkubinat fis-sens li l-konkubinat kien il-kawza tan-negozju, u c-cirkostanza fejn il-konkubinat kien semplici okkazjoni li fi hdanu jitnissel in-negozju[8]. F'tal-ewwel, l-obbligazzjoni ma tiswiex, imma mhux hekk f'tat-tieni. F'kaz partikolari, azzjoni mressqa biex kuntrattur jithallas ghal xoghol ta' bini li ghamel f'post li hu kien qed ifassal li jghix fih mal-mahbuba tieghu ma ntlaqghetx sewwa sew ghaliex il-Qorti qieset li l-konkubinat bejn l-attur u l-parti mharrka kien il-qofol u l-kawza li ghalih kien sar dak ix-xogħol[9];

Illi b'zieda ma' dan, huwa mghallem ukoll li mhux kull negozju jew obbligazzjoni li titnissel matul iz-zmien li zewg persuni jkunu dahlu f'relazzjoni ntima bejniethom ta' konkubinat, hija milquta bin-nullita' jew bl-illicita'. F'dan ir-rigward, l-ghoti ta' rigali jew ghotjiet oħra b'liberalita' bejn il-persuni nvoluti wkoll ma kienx meqjus bhala milqut *ipso facto* mit-tebgha tal-illecita' jekk kemm-il darba seta' jintwera li dawk in-negozji ma kinux suggetti ghall-kundizzjoni li r-relazzjoni tal-konkubinat trid titkompla[10]. Tibqa' dejjem ir-regola li l-karattru u l-ghan tan-negozji, servigi jew ghotjiet jiddependu mill-provi li jirrizultaw mill-kaz li jkun u suggetti ghall-konvinċment morali tal-gudikant fuq il-bazi tal-istess provi[11];

---

[8] P.A. **29.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Bajada vs Lumb*** (Kollez. Vol:

[9] P.A. CS **31.1.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Jubber*** (mhix pubblikata)

[10] App. Ċiv. **22.4.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Morana vs Souness*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.160).**

[11] P.A. **22.6.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri vs Wicker*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.624**).

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti ma dehrilhiex li kellha tistharreg b'reqqa f'hiex kienet tikkonsisti tassew ir-relazzjoni bejn l-attur u l-imharrka. Izda, ghalkemm intwera li l-imharrka ma riditx li l-attur jidhol jghix fid-dar taghha qabel ma jkun kiseb id-divorzju minn ma' martu, intwera li r-relazzjoni taghhom – bit-tlugh u l-inzul taghha – tawlet ghal aktar minn tliet snin u kien hemm fehmiet li, kieku ma kienx ghad-dewmien fl-ghoti tad-divorzju, eventwalment kellhom jghixu flimkien. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-attur ma kienx jiltaqa' mal-imharrka ghal dak iz-zmien kollu (u li kien ghalih, baqa' f'dik ir-relazzjoni ghal aktar zmien) sempliċement biex ikollu l-opportunita' li jmur jiekol ghand ommha;

Illi mbaghad wiehed irid jara jekk kemm-il darba (u lil hinn mill-aspett purament morali) illum il-gurnata, bil-mod kif is-socjeta' thares lejn certi valuri, wiehed ghadux jista' jghid li relazzjonijiet, ukoll jekk intimi, bejn zewg persuni barra r-rabta taz-zwieg humiex relazzjonijiet kontra l-ordni pubbliku jew kontra l-interess ġenerali. Dan jinghad mhux daqstant ghall-frekwenza u l-ghadd li bih bosta persuni fis-socjeta' Maltija llum jidhlu f'relazzjonijiet bhal dawn fi zmien jew iehor ta' hajjithom, daqs kemm ghall-fatt li l-qaghda u n-negozji ta' nies bhal dawn huma accettati bhala rejalta' li minnha ma tistax tahrab jew taghmel ta' bir-ruhek li mhix hemm. Imbaghad tkun ipokrezija mill-aqwa li, wara li tkun ghext ghal certu zmien f'relazzjoni bhal dik u hadt minnha li stajt, tipprova tizzerzaq minnha u mill-obbligi li jitnisslu billi, meta jinqala' l-ghawg, tallega li dik ir-relazzjoni kienet wahda llecita;

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru, il-Qorti qeghda tasal ghall-fehma li l-ewwel eccezzjoni tal-imharrka m'ghandhiex tintlaqa';

Din il-Qorti taqbel bi shih mar-ragunament tal-Onorabbli Qorti hawn fuq ikkwotata u zzid maghha li l-fatt li anki mid-data ta' dik id-decizjoni s-sitwazzjoni f'Malta evolviet ferm aktar bl-introduzzjoni tal-ligi tad-divorzju kif ukoll tal-unjoni civili u wkoll l-avvanz sabiex jigu rikonoxxuti u regolarizzati r-relazzjonijiet bejn koppji mhux mizzewga, dana kollu jevidenzja kemm l-istat ta' konkubinagg bejn il-partijiet odjerni fiz-zmien koncernat f'din il-kawza certament ma jistax jitqies li kienet tmur kontra l-eghmil xieraq, li kienet kuntrarja ghall-ordni pubbliku jew kontra l-interess generali fatturi li jgibu l-kawza llecita. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tichad it-tieni eccezzjoni tal-

konvenuta.

**Mertu:**

Illi l-azzjoni tentata mill-attur hija dik tal-'*actio de in rem verso*' fejn fir-rigward ta' din fl-istess decizjoni hawn fuq ikkwotata nghad kif isegwi:

'Illi l-azzjoni mibdija mill-attur hija l-azzjoni sussidjarja maghrufa bhala l-*actio de in rem verso*, li hija azzjoni moghtija lill-persuna f'dawk il-kazijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*. Din l-azzjoni hija msejha sussidjarja ghaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex ghalxejn mod iehor lil min staghna bi hsara tieghu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setghet issir. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun ghalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tieghu f'kaz, per ezempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-gurisdizzjoni;

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minhabba dak li ghadu kemm inghad, wahda ekwitattiva. Kemm hu hekk, il-principju li jmexxi din l-ghamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistghana bi hsara ta' haddiehor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*). Ghalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantagg li t-terza persuna tkun kisbet minhabba l-ispejjez minfuqa mill-parti attrici, u ghandha l-mira li terga' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun staghna u dak tal-parti li tkun ghamlet jew nefqet spejjez biex dan ikun sehh. Billi din l-azzjoni ghandha l-gherq taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wiehed lecitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx sehh kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti nteressata;

Illi nghad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qeghdha tikseb vantagg jew utilita' minhabba li xi gid ta' haddiehor ghadda ghandha jew minhabba li xoghlijiet jew servizzi twettqu fi hwejjigha bla ma sar il-hlas ghalihom jew b'mod li gew iffrankati spejjez lill-parti li b'hekk tkun staghniet; (b) it-tnaqqis mill-gid tal-parti l-ohra b'titolu lukrattiv; (c) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-gid tal-parti l-wahda u z-zieda jew beneficcju tal-parti l-ohra; (d) in-nuqqas ta' raguni li tiggustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-ohra u (e) li min laqa' ghandu l-haga jew is-servizz staghna b'dik il-haga jew b'dak is-servizz."

Illi l-elementi ndikati mill-Onorevoli Prim Awla, li huma enuncjati fil 'Manuale de Diritto Privato' pubblikat minn Torrenti, jinhtiegu li jigu ezaminati minn dina l-Qorti sabiex jigi stabbilit jekk attwalment jirrizultawx jew le ghall-kaz odjern.

Fil-mertu l-attur jelenka l-pretensjonijiet tieghu kemm permezz ta' dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat tieghu b'mod partikolari dawk li jinsabu a fol. 5 sa 31 tal-process li whud minnhom jikkonsistu f'ircevuti li allegatament hallas l-attur kif ukoll lista ta' oggetti li huwa jsostni li xtara u hallas hu minn butu ghalkemm hemm minnhom li huwa jsostni li m'ghandux l-ircevuta tal-istess.

L-attur jaghmel ukoll referenza ghall-pretensjonijiet tieghu fl-affidavit tieghu a fol. 114 et seq tal-process fejn inizzel oggett, oggett ix-xoghlijiet li huwa jsostni li ghamel fil-flat mikri minghand il-Gvern u li llum baqghet tghix fih il-konvenuta ad eskluzjoni tal-attur, xoghlijiet jew li ghamel hu stess jew li ghamlu haddiema tieghu stess u huwa hallashom jew inkella xoghlijiet li ghamlu terzi mhallsa minnu. Jelenka wkoll numru ta' oggetti li jsostni li huwa xtara u li jinsabu f'din ir-residenza, oggetti tad-deheb mixtrija lill-konvenuta, jippretendi hlas ta' oggetti personali li allegatament harqitlu l-konvenuta kif ukoll isostni li l-vettura tal-konvenuta kien hallas hu ghaliha.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jelenka l-pretensjonijiet tieghu fil-qosor kif isegwi:

'Hlas maghmul fuq il-karozza: Lm2,300 = €5,359

Hlasijiet maghmula ghall-miljorament ta' l-appartament ta' Nadia Said u xiri ta' mobbli go fih: Lm10,9271.71 = €25,461.56

Xiri ta' oggetti ohra ghal Nadia Said: Lm1,354 = €3,154.82

Ammont dovut ghal-kowtijiet li harqitlu Lm1100 = €2,563

Total Lm 15,681.71 = €36,538.38.'

**Hlas maghmul fuq il-karozza:**

Il-Qorti ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tqis il-pretensjoni dwar il-hlas maghmul fuq il-karozza. L-attur jippretendi l-hlas ta' €5,359 li fl-

affidavit tieghu (fol. 116) jixhed kif isegwi:

'Ghandi nghid ukoll li meta konna nghixu Marsalforn, jien kont ghaddejtilha somma flus biex biha xtrat karozza tal-ghamla Suzuki Alto ta' lewn ahdar. Meta tlajna nghixu fil-Housing Estates din kienet bdiet ittiha l-problemi wkoll. Ghalhekk, jien ghaddejt lil Nadia s-somma ta' Lm 1300 u Lm 1000—(Dok NF sa NF 3 gia' esebiti) u flimkien ma' part exchange mal-vettura precedenti Suzuki Alto tal-kulur ahdar ammontanti ghal Lm 1,800, Nadia xtrat Suzuki Alto iktar moderna mill-ohra ta' lewn ahmar. Dan in-negozju kien sar ma' Galea General Services. Id-diskussjonijiet ma' GGS ghamilthom jien u l-flus imsemmija hrigthom kollha jien. Nghid li prova tal-fatt li din il-vettura nxtrat minn flusi huwa l-fatt li din nghatat in-numru ta' registrazzjoni NNF 006, u l-vetturi li nixtri jien il-bicca l-kbira jinghataw in-numru 006'.

Il-Qorti rat id-dokument NF sa NF 3 esebiti a fol. 5 sa 8 tal-process liema dokumenti ghall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-attur isejhu lil Nadia Dalli bhala x-xerrejja u mhux lill-attur. Ghaldaqstant dawn ma jistghux jitqiesu bhala prova bizzejjed li kien l-attur li hallas il-flus in kwistjoni. Apparti minn hekk id-dokument NF 3 jindika flus fl-Euro meta lura fis-sena 2005 fil-Gzejjer Maltin kien ghadna 'l boghod milli tibda tintuza l-munita Euro ghalhekk il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-veracita' ta' dan id-dokument. Il-Qorti wkoll ma tqisx li hija prova bizzejjed u legalment sufficjenti li n-numru 006 fuq il-vettura ghandu jindika li l-hlas sar mill-attur anki ghaliex l-ittri jindikaw lill-konvenuta u dan specjalment in vista tal-fatt li l-konvenuta qed tikkontesta dan kollu u tat anki hi spjegazzjoni ghalfejn in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni sar kif sar.

Fir-rigward tal-pretensjonijiet fuq din il-vettura din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet kompletament konfliggenti bejniethom. L-attur isosti li l-flus ghall-vettura harighom hu izda filwaqt li fl-affidavit tieghu stess huwa jsemmi s-somma ta' €9550, il-pretensjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu hija ferm anqas u cioe' dik ta' €5,359. Dan gia jqajjem dubji serji f'mohh din il-Qorti dwar il-veracita' tal-pretensjonijiet tieghu. Min-naha l-ohra l-konvenuta ssostni li huwa minnu li l-attur kien sellifha xi flus sabiex tixtri l-vettura izda ssostni li dawn hallsithom lura. Din il-Qorti rinfaccjata wkoll bil-fatt li l-ircevuti relatati mal-vettura jindikaw lill-konvenuta u mhux lill-attur apparti wkoll li jindikaw biss is-somma ta' Lm1300 (€3,028) tqis illi kien l-

obbligu tal-attur li jipprova l-pretensjonijiet tieghu ghas-somma pretiza u li l-attur naqas sabiex iressaq prova sufficjenti fil-ligi f'dan ir-rigward. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tichad il-pretensjonijiet kollha tal-attur fil-konfront tal-konvenuta fir-rigward tal-flus allegatament mhallsa minnu fuq il-vettura li ssejjah lill-konvenuta.

**Hlasijiet maghmula ghall-miljorament ta' l-appartament ta' Nadia Said:**

Fl-ewwel lok f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda u provi li tressqu mill-attur fir-rigward ta' xoghlijiet li allegatament ghamlu haddiema tal-attur fl-appartament in kwistjoni. Jirrizulta mill-atti li ma tressqet l-ebda prova dokumentarja dwar dawn il-hlasijiet izda tressqu l-affidavits ta' dawn il-haddiema li xehdu li ghamlu dawn ix-xoghlijiet u li thallsu mill-attur. Irrizulta izda ampju mill-atti li jekk verament saru dawn ix-xoghlijiet u jekk verament l-attur kien jimpjega lil dawn il-persuni dan kien jaghmlu mhux skont il-ligi tant li rrizulta li hadd minnhom ma kien irregistrat ma' l-awtoritajiet koncernati li kien jahdem mal-attur. Dan johrog ben car mill-kontro-ezamijiet taghhom fejn l-istess haddiema nstemghu ferm aktar incerti minn dak li kienu qed jixhdu ghall-kuntrarju ta' dak li suppost xehdu u kkonfermaw bil-gurament fl-affidavits taghhom. Apparti minn hekk jirrizulta wkoll li dawn il-persuni xehdu li kienu jahdmu mal-attur fi zmien meta huwa kien jew registrat bhala 'self-employed', ma jahdimx ghaliex fuq 'injury leave' jew sahansitra jirregistra jew ma jahdimx (ara dokumenti a fol. 138 u 150 tal-process). Certament dan ma jipprovdix prova li dawn il-persuni kienu verament jahdmu mieghu u fi kwalunkwe kaz jekk verament kienu jahdmu u jithallsu minnu dan kien isir mhux skont il-ligi u huwa f'dan il-kaz li appuntu temani l-kawza llecita fejn l-agir tal-attur u dawn il-persuni kien jikkonsisti f'agir kontra l-ordni pubbliku jew kontra l-interess generali u ghalhekk l-attur ma jistax f'dan l-istadju jipretendi li din il-Qorti tissanzjona pretensjonijiet emanenti minn kawza llecita. Pretensjonijiet li fuq kollox ghajr ghax-xhieda pjuttost neboluza tal-attur u l-istess haddiema lanqas jaghtu prova cara lil din il-Qorti tal-ammont verament imhallas jew tal-valur tax-xoghol maghmul minnhom. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad il-pretensjonijiet tal-attur fir-rigward ta' xoghlijiet maghmula minn terzi allegatament

mqabbda u mhallsa minnu fl-appartament in kwistjoni.

La darba din il-Qorti qed tichad it-talba ghall-pretensjonijiet ta' hlasijiet li allegatament saru lil terzi mill-atturi jonqos li din il-Qorti tgharbel il-provi sabiex tara tistax tasal ghall-kalkolu tal-pretensonijiet li l-attur ghandu fil-konfront tal-konvenuta fir-rigward ta' xoghlijiet li seta' ghamel hu stess fl-appartament in kwistjoni. Jirrizulta mill-atti li mkien ma gie kkwantifikat b'mod professjonali x-xoghol li allegatament sar mill-attur tant li din il-Qorti sabet biss l-affidavit tal-istess attur fejn qabad u tefa' hu valuri ta' dawn ix-xoghlijiet bhal per ezempju fl-affidavit tieghu jsostni li l-kisi biss tal-appartament sewa mas-€7,000 (fol. 114). Il-konvenuta ssostni li dan il-valur huwa esagerat in vista tad-daqs zghir tal-appartament u ghalhekk inveritier. Il-konvenuta ssostni wkoll li s-semplici pretensjonijiet tal-attur fl-affidavit tieghu mhumiex bizzejjed sabiex jippruvaw verament il-valur tax-xoghol li ghamel l-attur fl-appartament in kwistjoni fejn il-prova kienet tinkombi fuq l-attur u mhux fuq il-konvenuta. Il-Qorti fil-fatt tinnota li fl-atti lanqas ma tressqet, almenu, prova *ex-parte* tal-valur tax-xoghlijiet li saru mill-attur fl-appartament in kwistjoni. Tinnota wkoll li a fol. 75 tal-process gie dikjarat ghan-nom tal-attur li l-valur tal-kawza huwa dak ta' €10,000. Dan jikkontrasta ferm mal-pretensjoni tal-valur ta' kisi biss ghas-somma ta' €7,000 li meta wiehed jghodd maghhom ukoll il-pretensjonijiet l-ohra tal-attur jitilghu ghal mill-anqas is-somma ta' madwar €36,000 kif dikjarat minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti ghalhekk tenut kont ta' kollox tqis li tant hemm incertezza u dubji fl-atti dwar il-valur veru u proprju tax-xoghlijiet li seta' ghamel l-attur fl-appartament in kwistjoni li tqis li l-attur ma rnexxielux iressaq prova adegwata u sifficjenti fil-ligi sabiex din il-Qorti tkun moralment konvinta dwar il-valur tax-xoghlijiet dovuti lill-attur u ghaldaqstant m'ghandhiex triq ohra ghajr li tichad ukoll dawn il-pretensjonijiet da parti tal-attur.

**Il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tikkunsidra l-pretensjonijiet tal-hlas dwar oggetti li jinsabu fl-appartament u li parti minnhom l-attur esebixxa l-ircevuti u ohrajn le, pretensjonijiet li jinsabu a fol. 15 sa 31 tal-process:**

Jirrizulta fl-ewwel lok li d-dokument a fol. 15 sa 30 ghandhom isem l-attur ghajr ghad-dokument a fol. 29. Il-Qorti ser tghaddi sabiex teskludi izda mill-ewwel il-kont tal-mobajl li jinsab esebit a fol. 29 tal-process liema kont ma jsejjahx lill-konvenuta izda lil certu kumpanija Fava Construction Ltd. Il-konvenuta tichad li dan il-kont kien jirreferi ghal xi

mobajl li seta kien fil-pussess taghha. Il-Qorti tqis li din il-pretensjoni fil-konfront tal-konvenuta bl-ebda mod ma giet ippruvata u ghalhekk ser tigi michuda.

Fir-rigward tal-ircevuti l-ohra l-konvenuta ssostni kif isegwi (fol. 124 et seq):

'Ghall-affarijiet illi konna nixtru ghad-dar taghna, kont inhallas jiena, pero' hafna drabi l-ircevuta kienet tohrog fuq il-kumpanija ta' Natal Fava biex hu jkun jista' jitlob refund tal-VAT fuqhom. Li kien jigri hafna drabi huwa li jien kont nghaddi l-flus lil Natal, dan imur ihallas bihom huwa u jitlob li l-ircevuti johorgu fuq ismu. Fil-fatt jien ma kontx noqghod infittex ma' Natal; u flusi huwa kien iqishom bhala flusu. Hu minn dejjem kien jghid illi d-dar mhix tieghu, u ghalhekk ma kienx li jaghmel spejjez fiha. Nghid illi Natal Fava kien bennej, u ghalhekk kien jerga' jiehu l-Vat fuq l-ispejjez illi kien jghid illi ghamel ghan-negozju tieghu. . . . Nghid illi mhux veru illi hu hareg xi flus biex inxtrat din il-kamra tal-banju. Kont jiena li hrigt il-flus kollha ghaliha. Lanqas hu minnu illi s-sink u xkaffar illi kienu saru fil-washroom thallsu minnu. Il-materjal thallas minni u zgur illi ma gewx jiswew mitt lira Maltin. Dan lanqas jiswa ghoxrin lira Maltin. Rigward id-dawl u l-ilma, hu minnu illi Natal qabbad lil Tony Attard biex jaghmel ix-xoghol. Pero' jiena kont illi hallasy ghax-xoghol illi kien ghamel l-istess Attard.'

Dwar l-ghamara tghid illi 'lil Cauchi kont hallastu jiena bi flusi.'

Tammetti li li l-iskrivanija u s-siggu ma hallsithomx hi izda tinsisti li lil certu Leli Spiteri hallsitu hi u l-istess tinsisti fuq il-linef li nxtraw mill-Grech General Stores, l-airconditioners, l-appliances tal-kcina, television (li skont ix-xhieda llum ma ghandu l-ebda valur (fol 105), TV cabinet, satellite dish, stereo bir-radio, CD u cassette player. Il-konvenuta ssostni wkoll li hafna minn dawn l-oggetti ma ghadhomx tajbin jew saru 'obsolete'.

Tinsisti li l-borom, platti u ghodda ohra tal-kcina gabithom maghha meta sseparat minn mar-ragel u li l-oggetti l-ohra fosthom salott u mejda kollha xtrathom hi ghajr ghal xi affarijiet fosthom canapé li tghid li l-attur kien iddubbahom minghand terzi li kien qed jahdem maghhom.

Fir-rigward tal-oggetti tad-deheb il-konvenuta tikkonferma li dawn thallsu mill-konvenut izda tinsisti li dawn tahomla bhala rigali u li hi

kienet taghtih rigali tal-valur ekwivalenti.

Il-konvenuta tinsisti wkoll li l-istess attur kien jaghmel uzu mill-oggetti kollha msemmija ghal diversi snin u li hi kienet thallas diversi affarijiet ohra fiz-zmien tal-konvivenza fosthom dawl, ilma u ikel. Jirrizulta izda lil din il-Qorti li ghalkemm din il-pretensjoni tressqet bhala eccezzjoni, ma tressqitx quddiem din il-Qorti kontro-talba f'dawn ir-rigward u ghalhekk il-Qorti ma tistax tmur oltre dak miltub minnha fit-talba u taghmel kalkolu (jekk dan jista' jsir bil-provi limitati prezentati fl-atti) tal-flejjes mahruga mill-konvenuta a favur tal-attur tul il-konvinvenza. Wisq anqas tista' l-Qorti tihdol f'xi kalkolu ta' manteniment li seta' jkun dovut ghall-minuri bin il-partijiet stante li dan imur ben oltre t-talbiet mressqa quddiem din il-Qorti. In vista ta' dan il-Qorti ser tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li jqajjmu dawn il-punti.

Izda, nonostante s-suespost dan ma jfissirx li l-Qorti ma temminx il-versjoni moghtija mill-konvenuta fl-affidavit taghha fir-rigward tal-hlasijiet tal-oggetti msemmija. Anzi l-Qorti tqis li huwa nverosimili hafna li l-konvenuta setghet tivvinta dak kollu li hija xehdet fl-affidavit taghha in vista tal-hafna dettalji moghtija minnha dwar kull oggett pretiz mill-attur u l-modus operandi tal-attur fir-rigward tal-hlas lura tal-vat. Dan huwa wkoll aktar msahhah mill-fatt li fil-kontro-ezamijiet taghha l-konvenuta baqghet ferma max-xhieda u d-dettalji li tat fl-affidavit taghha anzi tat spjegazzjonijiet li din il-Qorti tqis bhala veritiera dwar minfejn gew bosta oggetti li jinsabu fl-appartamenti taghha fosthom a fol. 156:

'kien hemm xi affarijiet li gab hu, iva. Ghax hu kien jahdem fil-bini, jaghmel ir-*renovations* fil-farmhouses u hekk, allura certu affarijiet, bhal per ezempju, kien hemm kanape' jghidulu qisu sufan tal-injam, dak kien gabu hu minn go xi farmhouse. … infatti anke madum, il-madum tal-kamra tal-banju gibnieh b'xejn. Ghax kien qed jaghmel farmhouse u kien baqalhom izzejjed u qallu tista' tiehdu. U ghamilnieh b'xejn.'

Fil-kontro-ezami ulterjuri a fol. 219 tal-process il-konvenuta terga' tikkonferma b'mod skjett il-versjoni taghha moghtija fix-xhieda precedenti u tkompli telabora u taghti aktar dettalji dwar kif saru certu pagamenti minnha fosthom li lil Tony (b'referenza ghax-xoghol ta' dawl u ilma) kienet hi li hallsitu 'cash' u kien mar id-dar u halsitu. L-istess xhud jikkonferma li meta thallas kien hemm iz-zewg partijiet (fol. 99). L-attrici terga wkoll tikkonferma s-sistema li l-attur kien jghidilha li ser

jaghmel sabiex jiehu lura vat fuq oggetti u xoghlijiet li kienu jsiru fl-appartament billi l-ircevuti jithallsu f'ismu.

Fl-istess kontro-ezami a fol. 232 tal-process il-konvenuta meta rinfaccjata diversi drabi bil-fatt li l-ircevuti bosta minnhom ma fihomx il-vat tixhed kjarament kif isegwi:

'Jiena meta qalli biex ihallas hu, kien jghidli dik is-sentenza, minhabba l-VAT number. Il-bqija, ma nafx, forsi, mhux forsi, zgur li ma kontx nahseb li ha nasal f'dan l-istat li qed nixtri l-affarijiet u ha nasal fi stat li qed jitlobhomli lura, ghax kieku zgur li kont niehu hsieb. L-ewwel nett kont immur inhallas jien u t-tieni kont naghmel il-pass li ghamilt qabel iz-zmien li ghamiltu.'

Ftit qabel fl-istess xhieda l-konvenuta tixhed li l-ircevuti kienu fil-fatt merfughin ghandha izda qabel telaq l-attur ha kollox mieghu.

Il-Qorti gharblet sew l-affidavit tal-attur (fol. 114) u l-kontro-ezami tieghu (a fol. 238) u tinnota li filwaqt li l-konvenuta kienet sinciera fejn ammettiet li certu oggetti vera nxtraw, thallsu, saru jew ingabu mill-attur, da parti tieghu l-attur fl-ebda mument ma jikkoncedi li l-konvenuta setghet almenu xtrat jew hallset almenu oggett wiehed. Il-Qorti tqis li dan il-fattur flimkien ma' dubji ohra li tqajjmu gia minn din il-Qorti f'din id-decizjoni jrendi l-versjoni tal-attur pjuttost wahda li ghandha mill-inkredibbli u mhux veritiera. Il-Qorti ghalhekk taghmilha cara li fid-dawl tac-cirkustanzi u anki l-mod kif xehdu persuni ohra fl-atti hija temmen u tqis bhala veritiera l-versjoni tal-konvenuta u mhux dik tal-attur u dan anki ghaliex il-Qorti rat ukoll illi bosta mix-xhieda li minghandhom inxtraw xi oggetti jew ittiehed xi servizz ma setghux jeskludu l-involviment tal-konvenuta u lanqas setghu jikkonfermaw li l-hlas sar zgur mill-attur jew mill-attur wahdu.

L-istess il-Qorti temmen il-versjoni tal-konvenuta dwar spejjez ta' xoghol biex saret il-kamra tal-banju. Il-Qorti tqis li huwa nverosimili hafna li hu l-attur quddiem il-konvenuta jghid li ser jghinhom billi jwahhal l-istess imbaghad jitlob il-hlas minghand l-attur huh. Il-Qorti aktar tqis li huwa versomili li meta l-konvenuta ma baqghetx mal-attur dan ra kif jipprova kemm jista' jkun izid l-ammont li huwa qed jippretendi minghand il-konvenuta u mhux ghaliex verament kien hallas lil huh.

In vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti ghalhekk tqis li l-ammont pruvat bhala dovut fuq oggetti li hallas l-attur ghas-somma ta' €1758.66 u li jikkonsistu fil-prezz imhallas ghax-xiri ta' oggetti tad-deheb imhallsa mill-attur (kif ammess mill-istess konvenuta) u li ghadhom fil-pussess tal-konvenuta u s-somma ulterjuri ta' €253.69 rapprezentanti l-hlas li sar fuq l-iskrivanija li l-konvenuta tammetti li sar mill-attur ( 'invoice' a fol. 27). Tqis illi fir-rigward tal-bqija tal-oggetti li taghhom gew esebiti xi tip ta' dokument kif ukoll tal-oggetti l-ohra ndikati fil-lista a fol. 31 l-attur naqas milli jgib prova veritiera u sal-grad rikjest mil-ligi li dawn thallsu minnu salv ghall-pretensjonijiet dwar 'zewg coats, gakketta tal-gild u ggieget' li dwarhom din il-Qorti ser taghmel konsiderazzjonijiet separati.

**Ammont dovut ghall-kowtijiet li harqitlu:**

Il-Qorti tirrileva li l-kawza ntavolata mill-attur hija dik ta' arrikkiment ingust u ghalhekk issibha ferm difficli sabiex tifhem ir-raguni ghalfejn l-attur qed jinkludi fiha pretensjoni ghall-oggetti li skont l-attur gew mahruqa mill-konvenuta liema allegazzjonijiet anki li kieku ppruvati bl-ebda mod ma jissodisfaw ir-rekwiziti tal-*actio de in rem verso*. Apparti l-fatt li l-konvenuta tichad dan kollu b'mod kategoriku, jekk verament dawn l-oggetti thallew fl-appartament tal-konvenuta u din harqithom, dan kollu se mai kien ivesti fl-attur talba ghad-danni sofferti rizultat tal-agir tal-konvenuta u mhux il-valur taghhom jigi pretiz bhala parti minn ammont li suppost minnu ghamlet arrikiment ingust! La darba skont l-attur dawn l-oggetti suppost llum huma distrutti zgur li ma jistax jigi konkluz li l-konvenuta ghamlet xi arrikkiment ingust bihom. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dawn il-pretensjonijiet tal-attur fir-rigward tal-oggetti msemmija.

**Spejjez tal-kawza:**

Finalment il-Qorti tqis li l-kawza odjerna ma kinitx verament istigata mill-attur semplicement biex huwa jithallas lura l-ammont li skont hu arrikkiet ruhha bih il-konvenuta izda kienet istigata mill-fatt li l-konvenuta temmet ir-relazzjoni minn mal-attur u li dan il-fatt xejn ma ha pjacir bih l-attur. Il-Qorti tinnota wkoll li bosta mill-pretensjonijiet tal-attur ser jigu michuda ghar-ragunijiet diversi kif moghtija aktar 'il fuq. Ghalhekk il-Qorti tqis li dan kollu ghandu jigi rifless fid-decizjoni

dwar l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta salv l-ewwel eccezzjoni li qed tigi milqugha limitatament ghal dak li huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni, tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici limitatament ghas-somma komplessiva ta' elfejn u tnax-il Euro u hamsa u tletin centezmu (€2,012.35), tillikwida l-ammont intier dovut lill-attur mill-konvenuta ghas-somma ta' elfejn u tnax-il Euro u hamsa u tletin centezmu (€2,012.35), tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u tnax-il Euro u hamsa u tletin centezmu (€2,012.35).

Bl-imghax mid-data tad-decizjoni.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenuta.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cushieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur